# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **16** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tlieta 11 ta' Frar 2014 fil-5.30p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree` Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur John B. Camilleri |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |
| Skużat | Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur David Massa |

***Aġenda***

1. Pjanta tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fi Ġnien Sant'Anna


Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

## 1.0 ***Pjanta tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fi Ġnien Sant'Anna :***

Is-Segretarju Eżekuttiv ntroduċa lil Perit tal-Kunsill is-Sur Aaron Abela u l-Inġineer is-Sur Mark Gulliamier.

Is-Segretarju Eżekuttiv beda biex jispjega illi din il-laqgħa kienet importanti li ssir minħabba l-fatt illi qabel mal-Perit jkun jista jaħdem il-*costings* ta' kemm ser jiġi jiswa dan il-bini u l-Kunsilliera tal-Kunsill jridu jaqblu mal-pjanta ta' kif ser jiġi mqassam. Huwa żied jgħid illi peress li l-permess kien ser jiskadi allura applikajna għat-tiġdid tal-permess fuq il-pjanta oriġinali u kif il-Kunsill jaqbel fuq il-pjanta il-ġdida allura mbgħad nerġu napplikaw għal-emendi.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega ukoll illi qabel ma jkollna l-istima finalizzata ma nkunux nistgħu nippreżentawa lid-Dipartiment. Huwa kompla jispjega illi f'każ li l-Kunsill jkun irid jissellef mill-bank, dan is-self ma għandux jaqbeż il-€120,000 għaliex il-proċedura tiġi ikkumplikata ħafna iżjed jekk tinqabeż din iċ-ċifra.

Il-Perit ippreżenta kopja tal-pjanti emendati kif proposti waqt il-laqgħa tal-bord li kienet saret ftit tal-ġimgħat qabel.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waqt il-laqgħa tal-bord kien qed jiġi issuġġerit illi l-garaxx ma jiġix inkorporat mal-bini amministrattiv minħabba li qed jieħu ammont sostanzjali tal-ispazju u minfloku tista issur *multi purpose hall.*

Is-Sindku qal illi jekk issir din il-*multi purpose hall* ser nifrankaw ħafna flus għaliex kull attivita` li norgannizzaw tista tiġi organizzata ġo fiħ.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienu ġibdulu l-attenzjoni illi l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara kien jitħallas kirja mingħand il-Gvern peress li għandhom il-berġa inkorporata fiċ-Ċentru Ċiviku u huwa kompla jgħid illi ser niċċekjaw fuq dan.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li qabel anke l-Għassa kellha tkun inkorporata fil-pjanta mal-bini.

Is-Sindku qal illi ma jkunx f'loka illi għassa tiġi nkorporata ġo post pubbliku minħabba l-problemi li ġieli jiffaċjaw il-puluzija waqt ix-xogħol tagħhom.

Il-Kunsill is-Sur Lawrence Ciantar qal illi għalkemm il-permess huwa fuq żewġ sulari, għandna naħsbu fil-pedamenti sabiex din il-binja tkun tiflaħ għat-tielet sular.

Il-Kunsill qabel illi l-bini jkun jiflaħ għat-tielet sular ukoll.

Il-Perit beda jispjega l-pjanta tal-*ground floor.*

L-Inġineer is-Sur Mark Gulliamier staqsa jekk il-berġa hux ser jkollha *meter* għalija jew imbaqda mal-*meter* tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jsir *meter* wieħed iżda l-*installation* tkun maħsuba għal *meter* ieħor.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fejn ser issir il-*bord room.*

Il-Perit wieġbu illi l-ħajt ta' bejn il-*common room* u l-*meeting room* ser jkun *folding door* u l-laqgħat jsiru hemm.

Il-Viċi Sindku is-Sinjorina Desiree` Attard qalet illi fil-fehma tagħha l-*foyer* huwa kbir ħafna u staqsiet jekk jistax jiċċekken ftit u jikbru l-kmamar għaliex il-kamra tal-kompjuter hija daqsxejn żgħira.

Il-Perit wieġiba illi l-*foyer* jista jiċċekken b'nofs metru minn kull naħa.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-*foyer* jiċċekken b'nofs metru minn kull naħa.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi peress li ser jiċċekken il-*foyer* allura għandu fejn jidħol *toilet* għal-irġiel u għaldaqstant isfel jkun hemm *toilet* għal-persuni bi bżonnijiet speċjali, ieħor għan-niesa u ieħor għal-irġiel.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jiżdied *toilet* għal-irġiel.

Il-Kunsill approva unanimament il-pjanta tal-pjan terran kif emendata.

Il-Perit kompla biex jispjega l-ewwel sular.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi t-toilets ta' fuq jiġu bl-istess mod ta' isfel jiġifieri jkun hemm *toilet* għal-persuni bi bżonnijiet speċjali, ieħor għan-niesa u ieħor għal-irġiel.

Il-Kunsill approva unanimament il-pjanta tal-ewwel sular kif emendata
Il-kunsill approva unanimament li jitbiddel l-arkitrejju u titbiddel il-pożizzjoni tal-bieb
L-Inġineer staqsa jekk hux ser jsiru *cctv cameras* u fejn ser jsiru.

Il-Kunsill qbel unanimament illi jsiru *cctv cameras* bis-sistema ptz( *pan, tilt and zoom*) barra u oħra fil-*foyer*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi irridu naħsbu ukoll għan-*network* u s-sistema tal-telefon.

Id-diskussjoni tkompliet fuq is-sistema tal-arja kkundizzjonata fejn l-Inġineer issuġġerixxa illi is-sitema tkun vrf peress li hija 33% iktar effiċjenti.

Il-Kunsill is-Sur John B. Camilleri qal li l-aħjar tinqasam fi tnejn waħda għal fuq u oħra għal isfel.

Il-Perit issuġġerixxa illi jittieħdu *samples* minħabba l-pedament.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jittieħdu s-*samples*.

***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-7.15p.m.

| | |
|---|---|
| ***Josef Grech*** | ***Mario Calleja*** |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |